MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2009

Numru. 472/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**Versus**

**Antoine Spiteri.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Antoine Spiteri, iben Carmelo u Mary Rose nee Delia, imwieled tal-Pieta' nhar it-22 ta' Jannar 1977 u residenti Providenza 35, Flat 5, Triq ix-Xnejn Abjad, Marsaskala u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 88677 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-18 ta' Diċembru 2006 u matul l-aħħar sena qabel din id-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu
(c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta

ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta
(d) kif ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltqagħu ż-żgħażagħ.
(e) kif ukoll talli sar reċidiv wara sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ta' nhar il-15 ta' Marzu 2004 mogħtija mill-Maġistrat Dr.Lawrence Quintano LL.D. u ta' nhar il-25 ta' Marzu 2004 mogħtija mill-Maġistrat Dr.A. Mizzi LL.D. liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ntalbet sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż tal-esperti maħtura.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni tal-Avukat Ġenerali tad-19 ta' Diċembru 2006, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li għandu n-numru 886 tal-1977 (fol 7), il-fedina penali tal-imputat (fol 8), l-istqarrija tal-imputat (fol 29 u fol 79), id-dikjarazzjoni tad-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tippreżenta s-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat fil-15 ta' Marzu 2004 u 25 ta' Marzu 2004 u li lanqas kien hemm bżonn jittellgħu xhieda tal-identita' f'dawn is-sentenzi (fol 21), il-kopja tal-prooċes verbal redatt mill-Maġistrat Dr Antonio Mizzi (Dok CA), il-konferma tal-esperti maħtura matul din l-inkjesta (fol 46), ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (Dok MM1), ir-relazzjoni ta' PS 602 Jonathan Attard (Dok JA), il-ħatra ta' Probation Officer (fol 65), u r-rapport tal-istess Probation Officer.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni fit-18 ta’ Diċembru 2006 il-Pulziija waqqfu lill-imputat waqt li kienu qed jagħmlu tfittxija f’dar ta’ persuna oħra. Lill-imputat sabhulu sitt qratas tal-eroina u fil-karozza Hyundai tiegħu sabu flus li kienu jammontaw għal Lm181. (€423.54). L-imputat qal il-verita’ bla ma qagħad jaħbi.

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li kien jieħu kemm eroina kif ukoll kokaina. (fol 29). Kienu jieħu madwar nofs gramma jew naqra aktar eroina kull jum waqt li xi kultant kien jieħu pakkett ta’nofs gramma kokaina. Kienu ilha għaddej bil-vizzju tad-drogi għal madwar għaxar snin. Huwa stqarr ukoll li kien ibigħ xi ftit pakketti mill-gramma eroina li kien ikollu biex ileħħaq mal-vizzju tiegħu. Huwa kien ilu jixtri l-eroina minn għand żewġ persuni xi xahrejn u kien jixtri madwar tleit grammi fil-ġimgħa. Il-pakketti li kellu fuqu kienu intiżi għalih u biex ibigħ xi ħaġa minnhom ħalli jerġa’ jixtri d-droga u jkollu għalih. Il-pakketti kien għamilhom huwa stess. Il-Lm181 li nstabu fuq kienu tal-bank u taċ-ċekk.

Waqt l-istqarrija l-imputat kien qed iħoss ħanf bard u dwejjaq minħabba l-vizzju.

Mix-xhieda ta’ PC 1183 Oliver Borg jirriżulta li kienu żammew l-imputat u sabhulu tliet boroż tal-plastic bi trab kannella u tliet qratas tal-karti. Fid-dar tal-imputat f’Marsaskala sabu tliet siringi użati u żewġ sachets tal-karti bi traċċi. L-imputat urieħom miżien f’garaxx fi Triq iċ-Ċervjola. Dan kien moħbi wara pala u kien imwaħħal bit-tape. (Fol 33)

Is-sustanza tal-paragrafu preċedenti kienet ikkonfermata mix-xhieda ta’ PC 1220 Chris Baldacchino li żied ukoll li kien instab miżien elettroniku wara t-television.

PC 213 Nicolai Borg xehed li l-imputat kien qabdu paniku meta l-Pulizija fetħau l-bieb u hu sabhom ma’ wiċċu. Huma kienu sabhulu bott trasparenti u fih kien hem tleit

boroż bi trab kannella u tleit sachets. Ix-xhud irrefera wkoll għas-sejbien taż-żewġ miżinijiet.

PC 10 Trevor Cassar Mallia xehed li kien hu li għamel tfittxija fil-but tal-jeans tal-imputat u minn fejn eleva bott trasparenti li kien fih tliet qratas u tliet boroż bi trab kannella suspettati eroina.

**Evidenza Forensika**

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed li t-trab li kien hemm fi tliet qratas tal-karti fi tleit boroż tal-plastik kien jammonta għall-1.010 grammi eroina b'purita' ta' 29.8% (Fol 52).

PS 602 Jonathan Attard ikkonferma r-relazzjoni tiegħu u r-ritratti li kien ħa.

Il-Probation Officer xehdet li l-imputat qed jiskonta sentenzi mogħtija minn Qrati diveersamenti preseduti. Kienu saru tentattivi biex l-imputat jibda programm iżda dan ma setax iseħħ minħabba l-każi pendenti li għandu l-imputat. Mir-rapport jirriżulta li l-imputat għandu bżonn attenzjoni speċjali fejn jirrigwarda l-mod kif jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

Minn dak li stqarr l-imputat jirriżulta li huwa kien biegħ l-erpoina fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni, jiġifieri fit-18 ta' Diċembru 2006 u 'matul l-aħħar sena' qabel din id-data. Filfatt fl-istqarrija tiegħu jgħid li kien ilu jixtri xi xahrejn (u konsegwentement ibiegħ biex issotni l-vizzju tiegħu) fit-time frame indikat.

Għalhekk l-ewwel imputazzjoni hija ppruvata.

**It-Tieni Imputazzjoni**

It-tieni imputazzjoni hija dwar pussess aggravat tal-istess eroina fiż-żmien indikat. Waqt li l-ammont ta' eroina ma kienx xi wieħed konsiderevoli, il-Qorti qed tikkonsidra:

(a) x'qal l-imputat waqt l-istqarrija;
(b) li l-qisien tal- qratas kien kwazi identiku ( bejn 38 x 39 u 41 x 43);
(ċ) il-piż kien kważi l-istess;
(d) li n-numru ta' qratas kien ta' 5+3 (fol 4 tar-elazzjoni);
(e) li l-imputat kellu żewġ miżinijiet moħbija (għalkemm wieħed minnhom kien hu stess li wera fejn kien lill-Pulizija)
(f) li nqabad b'dawn il-pakketti barra minn daru;

Ukoll jekk il-Qorti tinjora x'qal l-imputat waqt l-istqarrija tiegħu, il-punti (b)(ċ)(d)(e) (f) juru li l-imputat kellu pussess tal-eroina mhux għall-użu esklussiv tiegħu.ukoll hekk huwa kien regular user għal għaxar snin.

Għalhekk din l-imputazzjoni kienet ippruvata iżda l-Qorti qed tqisha li hija assorbita fl-ewwel waħda.

**It-Tielet Imputazzjoni – Pussess ta' kokaina**

Din l-imputazzjoni tirriżulta mill-istqarrija tal-imputat stess meta qal li 'xi kultant jieħu naqra kokaina'. (fol 30)

**Ir-raba' imputazzjoni jew aħjar il-gravanti**

Għalkemm l-imputat indika l-post fejn kien imur ibiegħ id-droga ma ttellgħet ebda prova li l-post ikun frekwentat miż-żgħażagħ u għalhekk dan il-gravanti ma ġiex ippruvat soddisfaċentement

**Il-ħames imputazzjoni - Ir-reċidiva**

Din l-imputazzjoni hija ippruvata għaliex is-sentenza li ngħatat fl-20 t'Ottubru, 2004 kienet ta' sentenjn u erba' xhur priġunerija u għalhekk ma kinux għaddew ħames snin minn meta l-imputat kien spiċċa s-sentenza u t-twettiq tar-reati msemmija. Il-Qorti mhix qed tikkonsidra s-sentenza l-oħra msemmija mill-Prosekuzzjoni għaliex

għalkemm din kienet indikata bħala ‘multa’ jidher li l-kelma li kellha tintuża kienet ‘ammenda’ għax l-imputazzjoni kienet ta’ kontravenzjoni.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B), il-proviso dwar id-distanza li jidher fl-artikolu 22 taħt l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii), l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, u tal-ħames imputazzjoni bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberha mill-gravanti li jidher fir-raba’ imputazzjoni.**

**Fl-opinjoni tal-Qorti, l-imputat ta xi indikazzjonijiet ċari li jistgħu jgħinu lill-Pulizija u għalhekk għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 bi grad. Min-naħa l-oħra l-imputat huwa reċidiv.**

**Għalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta’ priġunerija ta’ għaxar xhur u għall-ħlas ta’ multa ta’ €800. Il-multa tista’ titħallas b’rata ta’ 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta’ ħlas ta’ xi pagament il-bilanċ irird jitħallas f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din tinbidel f’jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.**

**Minħabba li m’hemmx prova suffiċjenti li l-flus elevati mill-Pulizija huma marbuta mal-bejgħ tad-droga – u dan għax l-imputat ta spjegazzjoni tal-provenenjenza tagħhom – il-Qorti tordna li dawn il-flus jingħataw lura lill-imputat.**

**Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż tal-esperti li tqabbdu matul l-inkjesta li jammontaw għal (€77.22 + €459.06 = €536.28).**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-esibiti l-oħrajn taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------